# IL-GWERRA

Meta quddiem għajnejja taqa' l-qerda,
Is-serq li jsir, il-ħażen u l-mibegħda,
Il-għaks u l-ġuħ li ġġib; familji mxerrda
Mill-mewt beżgħana, jiġru b'qalb imriegħda,

Nisħtek, ja Gwerra. Int ma tafx bi ħniena.
Bil-għajb tad-demm tebbajt il-ġieħ taż-żmien
U bdilt fi dbiba l-bniedem. Saħta w hjiena
Tiġbor ġo fik: int qridt l-għelm tal-ħelsien.

Nisħtek xħin nara jmutu, qtajja qtajja,
Suldati, b'ħarsa minn ta' wġigħ u biża',
Imma nisħtek minn qalbi xħin il-ħajja
Nara tinqered ta' tfal żgħar u nisa.

Għatxan għall-ġid, il-ħsieb tal-bniedem sferra,
Lil Alla nesa, u ftakar fik, ja Gwerra.

Ġużè Chetcuti